**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jason Agius**
**V**

**RUTH HARVEY**
**JASON FARRUGIA**

**Illum, 6 ta' Lulju, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **RUTH HARVEY** ta' erbgha w ghoxrin sena, bint David Harvey u Rose nee Filletti, imwielda Pieta nhar s-sebgha ta' Settembru, 1975 u toqghod 97, Triq Carmel, Tarxien, detentrici tal-karta tal-identita numru 439275M u **JASON FARRUGIA** ta' tnejn u ghoxrin sena, bin Joseph u Bernardette nee Brincat, imwieled Pieta fit-tlieta ta' Dicembru, 1977 u joqghod 41, Triq Sant'Ubaldesca, Paola, detentur tal-karta tal-identita numru 16978M gew mressqa quddiemha akkuzati talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu, 1999 u matul s-snin precedenti b'diversi azzjonijiet maghmula minnhom fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew

maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala detenturi tal-fond numru 97, Triq Carmel, Tarxien, jew bhala persuni li kellhom f'idejhom l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa, sabiex jkollhom l-uzu jew l-konsum elettriku jew li bihom setghu jwaqqfu jew jbiddlu l-kejl jew markar tal-meter tad-dawl tal-kwalita mehuda jew kkunsmata, kkommettew serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond li l-valur jeccedix l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema serq hu aggeravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Talli fl-istess zmien ghamlu hsara jew kissru xi parti mill-meter tal-elettriku jew s-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enamalta.

Ghaldaqstant il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja ta' Gunju, 2000 esibit f'dawn l-atti a fol 4 bhala dokument CSH, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura

sommarju u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil istess imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Semghet t-trattazzjoni tal-Avukat Difensur u l-Ufficjal Proskeutur fis-seduta tat-tnax ta' Gunju, 2001.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu, 1999 ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu, haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta, rrappurtaw lil Pulizija tal-Ghassa ta' Rahal Gdid, li kienu ghadhom kif sabu l-meter tad-dawl installat fil-hanut fuq imsemmi proprjeta tal-imputat, imbaghbas.

Irrizulta li dan il-meter huwa registrat fuq l-imputat Jason Farrugia li hu l-inkwilin precedenti tal-fond, izda irrizulta wkoll li l-konsumatur tal-fond hija l-imputata Ruth Harvey. Infatti Ruth Harvey kienet dahlet fil-fond wara Jason Farrugia.

Illi l-allegat tbaghbis jew mankanzi fl-imsemmi meter kienu jikkonsistu fil-fatt li fil-cover tal-meter u l-bazi (kaxxa) tal-meter fuq in-naha tax-xellug fl-istess livell tad-disc kien hemm ticrita ta' nofs pulzier, fix-xfar kemm tal-cover kif wkoll tal-bazi. Illi l-gasket tal-lastiku ingibed w ingemgha kobba fuq in-naha t'isfel.

Illi a bazi ta'dawn il-mankanzi kienu hargu l-presenti imputazzjonijiet kontra l-imputat li f'kazijiet bhal dawn hemm presunzjoni kontra tieghu stabbiliti mill-ligi u hu l-oneru tal-imputati li ghandhom jippruvaw l-kuntrarju.

Illi bhala fatti rrizulta li ma hemmx dubbju li 'l fuq imsemmija mankanzi jew difetti kienu jesiztu li bhala konsegwenza taghhom l-konsum tad-dawl ma kienx qed jigu registrat regolarment u b'hekk kien hemm telf ta' dawl stmat fis-somma ta' mija hamsa w erbghin lira maltin u tmienja w tmenin centezmu kif stqarr Silvio Decelis fix-xhieda tieghu tad-disgha ta' Awissu, 2000 a fol 54 tal-atti processwali.

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali isib li l-ligi trid li fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew konsum legittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf

jew jbiddel l-kejl jew markar fil-meter tal-kwalita mehuda jew kkunsmata, jitqies sakemm ma jigix ppruvat l-kuntrarju, bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk l-kawzi jew mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum tal-kurrent elettriku.  Hu evidenti li dan s-subartikolu johloq presunzjoni ta' dolo *iuris tantum* li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Ma dan pero l-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tippostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputati fuqhom.  L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favuriha l-presunzjoni msemmija li pero tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni.

L-imputati offrew li jaghtu x-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri u bil-gurament stqarru b'mod ripettitiv u konsistenti hafna li huma ma kienu jafu xejn dwar dan t-tbaghbis.

**Jason Farrugia stqarr** li huwa ghamel zmien qasir jghix f'dan il-fond u cioe 97, Triq Carmel, Tarxien mal-mara tieghu fi zmien meta kien ghaddej minn problemi familjari.   Kemm damu jghixu f'dan il-fond, qatt ma kellhom problemi dwar dawl jew ilma u ghalhekk hadd

ma kien gie biex jaghmel tiswijiet fil-fond. Huwa stqarr li kien ha l-fond minghand l-inkwilin precedenti Stephen Decesare li ghex fil-fond ghal cirka hames snin u qatt ma qallu li kien hemm xi difett fil-meter. Zied jghid wkoll li huwa sar jaf bl-inkjesta li saret fuq dan il-meter minghand l-ko-akkuzata Ruth Harvey. Fl-istqarrija esibita a fol 9 tal-atti processwali markata bhala dokument CSH 5 meta l-imputat Jason Farrugia gie mistoqsi dwar x'kellu jghid dwar s-sigilli li nstabu maqtughin huwa wiegeb li qatt ma ta kaz, u zied jghid li huwa dejjem hallas l-kontijiet tad-dawl u li kien evakwa l-fond u halla l-meter f'kundizzjoni tajba. Huwa stqarr b'mod kategoriku li qatt ma baghbas mal-meter tad-dawl sakemm kien ghadu jghix fil-fond.

**Ruth Harvey wkoll xehdet** nhar t-tnax ta' Gunju, 2001 fejn stqarret li hija kienet hadet il-fond minghand l-ko-akkuzat Jason Farrugia permezz ta' kuntratt ta' cessjoni li gie esibit fl-atti redatt quddiem in-Nutar Carmel Gafa nhar t-tmintax ta' Lulju, 1998. Illi f'dan il-kuntratt l-imputata qalet li hadet hsieb li l-inkwilin precedenti jhallas l-kontijiet pendenti rigward il-meter u xi spejjes ohra ta' natura ordinarja u kienet hija li insistiet man-Nutar biex jdahhal din il-klawsola.

F'xi zmien li kienet qed tghix fil-fond nnotat li l-girien taghha kienu jircievu xi kontijiet tad-dawl u ilma u hi ma kienetx irceviethom u ghalhekk marret ghand il-Korporazzjoni Enemalta sabiex tara x'kienet il-kawza tad-dewmien tal-kontijiet. Irrizulta li s-sid precedenti kellu xi pendenzi u ghalhekk l-meter ma darx ghal fuqha. Fuq insistenza taghha il-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta marru fuq il-post sabiex jbiddlu l-meter u proprju f'din z-zjara nnotaw l-irregolarita li kien hemm w infethet l-inkjesta relattiva. Ruth Harvey kkonfermat li hija qatt ma baghbset il-meter in kwistjoni meta xehdet fl-inkjesta.

Il-Qorti hija moralment konvinta mill-versjoni tal-imputati li m'ghandha l-ebda dubbju li huma ma kellhomx x'jaqsmu mal-istat ta' kif kien instab dan il-meter mil-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Awissu, 1999. Ma hux eskluz li dan it-tbaghbis setgha sar qabel ma l-fond spicca f'idejn iz-zewg imputati.

Il-Qorti thoss li b'dak li xehdu l-imputati waqt dan il-proceduri rnexxilhom jghelbu l-presunzjoni kontra taghhom fuq riferita bhala r-*registered consumer* jew abitant tal-fond u ghalhekk qed taccetta dak li huma qalu.

**Illi ghalhekk minhabba dawn ir-ragunijiet il-Qorti tara li l-imputazzjonijiet ma gewx sufficjentement ppruvati kontra l-imputati skond l-ligi u ghalhekk tiddikjara li ma ssibx lil RUTH HARVEY u JASON FARRUGIA hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tilliberhom minn kull imputazzjoni u htija.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**